

OPINJONI Nru 04/2006

TA' L-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI,

**li temenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, dwar il-kapaċità
kontinwata li jintużaw fl-ajru inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir
ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut
f'dan ix-xogħol**

“Standard rikonoxxut uffiċjalment”

I. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li tiġi kkunsidrata l-emenda tal-paragrafi M.A.301(2) u 147.A.105(f) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003¹. Ir-raġuni għal din l-attività ta' formulazzjoni tar-regoli hija li tiġi ċċarata t-tifsira tat-terminu "standard rikonoxxut uffiċjalment".
2. L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija") hija direttament involuta fil-proċess ta' tfassil tar-regoli. Hija tassisti lill-Kummissjoni fil-kompiti eżekuttivi tagħha billi tipprepara abbozzi ta' regolamenti, u l-emendi tagħhom, għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament Bażiku"²), li huma adottati bħala "Opinjoni" (Artikolu 14.1). Hija tadotta wkoll mezzi aċċettabbli ta' konformità u materjal ta' gwida biex jintuża fil-proċess ta' ċertifikazzjoni (Artikolu 14.2).
3. Din l-Opinjoni ġiet abbozzata mill-Aġenzija. Ġiet sottomessa għall-konsultazzjoni tal-partijiet kollha interessati skond l-Artikolu 43 tar-Regolament Bażiku u l-Artikoli 5(3) u 6 tal-Proċedura għall-Formulazzjoni tar-Regoli ta' l-AESA³.
4. Din l-attività ta' formulazzjoni tar-regoli kienet inkluża fil-programm ta' formulazzjoni tar-regoli ta' l-Aġenzija għall-2006. Hija timplimenta x-xogħol ta' formulazzjoni tar-regoli MDM.013.
5. L-Opinjoni kienet adottata, wara li ġiet segwita l-proċedura speċifikata fil-Proċedura għall-Formulazzjoni tar-Regoli tal-AESA, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

II. Kontenut ta' l-Opinjoni

6. Meta wiegħbu d-dokument ta' konsultazzjoni għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 u materjal relatat ma' l-AMC/GM (*Acceptable Means of Compliance/Guidance Material*), l-awtoritajiet lokali u l-industrija talbu kjarifika tat-terminu "standard rikonoxxut uffiċjalment" li huwa inkluż fil-paragrafi M.A.301(2), M.A.402(b), M.A.606(f), M.A.608(b), 145.A.30(f), 145.A.40(b) u 147.A.105(f) tar-regolament imsemmi.
7. Ċerti kummentaturi kienu tal-fehma li l-espressjoni "uffiċjalment" hija ambigwa fil-waqt li oħrajn irrimarkaw li ma kienx ċar liema awtorità/korp kien se jiddikjara l-istandard bħala uffiċjali. Ġew proposti diversi soluzzjonijiet, fl-ewwel lok li jiġi

¹ ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1.

² Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni. (ĠU L 240, 7.9.2002, p.1) Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1701/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5).

³ Deċiżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni dwar il-proċedura li għandha tkun applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' opinjonijiet, speċifikazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni u materjal ta' gwida ("Proċedura għall-Formulazzjoni tar-Regoli", AESA MB/7/03, 27.6.2003.

ċarat dan it-terminu permezz ta' materjal ta' l-AMC/GM, u fit-tieni lok li t-terminu “standard rikonoxxut uffiċjalment” jiġi sostitwit bil-kliem “standard rikonoxxut mill-awtorità kompetenti”, u fit-tielet lok li jiżded il-kliem “jew regolamenti nazzjonali” wara “standard rikonoxxut uffiċjalment”. Bi tweġiba għal dawn il-kummenti kollha, l-Aġenzija rikonoxxiet li dan il-kunċett jeħtieġ li jiġi żviluppat permezz ta' deċiżjoni sabiex ikun introdott materjal ta' l-AMC/GM bil-għan li jitneħħew dubji li jeżistu f'dan il-qasam.

8. Barra minn hekk, matul l-ewwel sena ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003, l-abbozz deher li kien fih xi żbalji u inkonsistenzi f'żewġ paragrafi inklużi fl-annessi tiegħu li rreferew għat-terminu “standard rikonoxxut uffiċjalment”. Din l-Opinjoni tinkludi proposti biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet ukoll. Il-ħtieġa li jiġu rranġati l-iżbalji u l-inkonsistenzi misjuba fil-paragrafi M.A.301(2) u 147.A.105(f) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 twassal lill-Aġenzija biex toħroġ Opinjoni minbarra Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv, li kienet il-“prodott” oriġinali meħtieġ taħt TOR MDM-13.
9. Wara analiżi sinifikanti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, ġie nnotat li t-terminu “standard rikonoxxut uffiċjalment” jintuża bosta drabi, iżda f'erba' xenarji distinti b'mod ċar minn xulxin:
 - a) M.A.301 (2) Xogħlijiet ta' kapaċità kontinwata ta' użu fl-ajru *“Il-kapaċità kontinwata ta' użu fl-ajru u l-effiċjenza tat-tagħmir kemm operattiv kif ukoll ta' l-emerġenza għandhom jiġu żgurati bi (...) ir-rettifikazzjoni għal standard rikonoxxut uffiċjalment ta' kwalunkwe difett u ħsara li taffettwa t-ħaddim bla periklu”*.
 - b) M.A.402 (b), M.A. 608(b) u 145.A.40 (b) *“Għodod u tagħmir għandhom jiġu kkontrollati u kkalibrati għal standard rikonoxxut uffiċjalment”*.
 - ċ) M.A.606 (f) u 145.A.30 (f) *“Il-personal li jwettaq xogħlijiet speċjalizzati (...) għandu jkun kwalifikat skond standard rikonoxxut uffiċjalment”*.
 - d) 147. A.105 (f) *“L-esperjenza u l-kwalifiki ta' l-istrutturi, l-eżaminaturi ta' l-għarfien u l-assessuri prattiċi għandhom jiġu stabbiliti bħala standard rikonoxxut uffiċjalment”*.
10. Il-Paragrafu 21.A.303 tas-sottotaqsim K “partijiet u tagħmir” għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003⁴ stabbilixxa li *“il-wiri tal-konformità tal-partijiet u t-tagħmir li jridu jiġu installati fi prodott iċċertifikat għat-tip għandu jsir (...) fil-każ ta' partijiet standard, skond standards rikonoxxuti uffiċjalment”*. Kien żviluppat materjal ta' gwida sabiex jispjega t-tifsira tat-terminu *standards rikonoxxuti uffiċjalment* fil-GM Nru 2 għal 21.A.303 (ċ) tad-Deċiżjoni Nru 2003/1RM⁵ *“standard rikonoxxut uffiċjalment ifisser daww l-istandards stabbiliti jew ippubblikati minn korp uffiċjali sew jekk ikollu personalità ġuridika kif ukoll*

⁴ ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6.

⁵ Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija tas-17 ta' Ottubru 2003 dwar mezzi aċċettabbli ta' konformità u materjal ta' gwida għal Parti 21 (AMC&GM għal Parti-21).

jekk le, li huma rikonoxxuti b'mod wiesa' mis-settur tat-trasport ta' l-ajru bħala li jirrappreżentaw Prattika tajba".

11. L-Aġenzija tqis il-kontenut GM Nru 2 għal 21.A.303 (ċ) applikabbli b'analoġija għall-paragrafi M.A. 402(b), M.A. 608(b), 145.A.40(b), M.A. 606(f) u 145.A.30 (f) billi dan huwa l-istess kument tekniku ta' standard tekniku li diġà jeżisti fl-industrija. Għalhekk, il-materjal dwar AMC għall-paragrafi msemmija fuq ġie żviluppat f'dan is-sens, b'konsistenza.
12. Fil-każ ta' M.A.301 (2), ir-referenza għal "standard rikonoxxut uffiċjalment" għandha tiġi sostitwita bi "skond dejta speċifikata f'M.A.304 u/jew M.A.401" billi kienet l-intenzjoni tal-leġislatur li jfisser dejta approvata skond ir-regolamenti applikabbli.
13. Fl-aħħarnett, ir-referenza għal "standard rikonoxxut uffiċjalment" fil-paragrafu 147.A.105 (f) tidher li hija żball editorjali. Din tgħid hekk: "L-esperjenza u l-kwalifiki ta' l-istrutturi, eżaminaturi ta' l-għarfien u assessuri prattiċi għandhom jiġu stabbiliti bħala standard rikonoxxut uffiċjalment". Il-ħsieb tal-leġislatur meta adotta r-Regolament tal-Kummissjoni 2042/2003 kien li l-esperjenza u l-kwalifiki ta' l-istrutturi, l-eżaminaturi ta' l-għarfien u l-assessuri prattiċi jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti. Għalhekk, is-sentenza "stabbiliti bħala standard rikonoxxut uffiċjalment" għandha tiġi sostitwita bi "stabbiliti skond kriterji ppubblikati mill-awtorità kompetenti".

III. Konsultazzjoni

14. Sabiex tinkiseb l-aħjar konsultazzjoni, Avviż ta' Emenda Proposta – NPA 01/2003 – kien ippubblikat fuq il-websajt ta' l-Aġenzija (www.easa.europa.eu) fit-12 ta' Jannar 2006. L-Aġenzija ppubblikat ukoll dan in-NPA flimkien ma' l-abbozz ta' opinjoni ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni.
15. Sad-data ta' l-għeluq, l-Aġenzija kienet irċeviet 12-il kument mingħand awtoritajiet nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u persuni privati.
16. Il-kummenti kollha riċevuti ġew innotifikati u inkorporati f'Dokument ta' Tweġiba għall-Kummenti (CRD – *Comment Response Document*), li huwa ppubblikat flimkien ma' din l-Opinjoni fuq il-websajt ta' l-Aġenzija. Dan il-CRD jinkludi lista tal-persuni u l-organizzazzjonijiet kollha li pprovdew kummenti u r-risposti ta' l-Aġenzija.
17. Il-biċċa l-kbira tal-kummenti appoġġaw ix-xogħol ta' formulazzjoni tar-regola, kienu qegħdin jitolbu bidliet klerikali (tqassim, numerazzjoni ġdida, eċċ.) u ġew ikkunsidrati.
18. Skond l-artikolu 8 tal-proċedura standard għall-formulazzjoni tar-regoli tal-AESA, il-CRD ġie ppubblikat fuq il-websajt ta' l-Aġenzija (www.easa.europa.eu) fil-5 ta' Lulju 2006.

19. Sad-data ta' l-għeluq (5 ta' Settembru 2006), l-Aġenzija ma rċeviet l-ebda kumment addizzjonali.

IV. Stima ta' l-Impatt Regulatorju

20. L-għan ta' l-Opinjoni

L-għan tan-NPA 1/2006 kien li jiġi ċċarat il-kunċett ta' standard rikonoxxut uffiċjalment permezz ta' materjal ta' AMC għal Parti-M u Parti-145 u li jiġi mmodifikat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 sabiex jiġu kkorreġuti l-iżbalji u l-inkonsistenzi tal-paragrafi M.A.301(2) u 147.A.105(f).

21. Għażliet

Ma jsir xejn: Nuqqas ta' kjarifika ta' l-espressjoni “standard rikonoxxut uffiċjalment” kif mitluba mill-partijiet interessati u tħallija ta' l-iżbalji u l-inkonsistenzi misjuba fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003.

L-Opinjoni Preżenti: Din tiċċara t-tifsira tat-terminu “standard rikonoxxut uffiċjalment” u tirranġa l-iżbalji u l-inkonsistenzi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003.

22. Setturi affettwati:

Il-persuni jew organizzazzjonijiet li jżommu ingeni ta' l-ajru u l-istrutturi, eżaminaturi ta' l-għarfien u assessuri prattiċi kif ukoll l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ.

23. Impatti

Sigurtà: L-Opinjoni tiċċara s-sitwazzjoni u tnaqqas id-dubji u l-ftehim ħażin u għalhekk hija ta' vantaġġ għas-sigurtà.

Ekonomiċi: Fl-ewwel każ il-partijiet interessati se jkomplu kif inhum se jrin: l-impatt ekonomiku huwa null. Il-konsegwenzi finanzjarji għat-tieni għażla li tirrendi l-prattiċi eżistenti uffiċjali huma ħfief.

Ambjentali: M'hu mistenni l-ebda impatt

Soċjali: M'hu mistenni l-ebda impatt

Rekwiżiti oħra ta' l-avjazzjoni barra l-iskop ta' l-AESA: M'hu mistenni l-ebda impatt

Rekwiżiti regulatorji komparabbli barranin: Xejn.

24. Konklużjoni ta' l-Istima ta' l-Impatt Regulatorju

Fuq il-bażi ta' din l-istima ta' l-impatt regulatorju, l-Aġenzija tqis li l-progress tal-proposti huwa ġustifikat.

Cologne, 13 ta' Diċembru 2006

P.GOUDOU
Direttur Eżekuttiv